**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-24 ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru : 556/2022 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**KA**

**U**

**SL rapprezentata minn MA hekk kif awtorizzata permezz ta' prokura specjali.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' KA u SL datat 20 ta' Ottubru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju, tas-sena elfejn u għaxra (2010) ġewwa r-Reġistru Pubbliku ta' Malta, liema żwieġ ġie rreġistrat bin-numru progressiv wieħed, wieħed, tmienja, wieħed, tas-sena elfejn u għaxra (1181/2010) kif jirriżulta mill-Att taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala '***Dok A***';*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal;*

3. *Illi l-ħajja konjugali tal-partijiet ma baqgħetx iktar possibbli għal raġunijiet validi li skont il-liġi Ċivili taw lok għal separazzjoni personali, u l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Sylvana Borg*

*Caruana datat dsatax (19) ta' Settembru, tas-sena elfejn, tnejn u għoxrin (2022) vera kopja hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok B**';*

4. *Illi skont klawsola numru wieħed (1) tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-Partijiet iddikjaraw li ilhom jgħixu separatament mis-sena elfejn u erbatax (2014), hekk kif f'dik is-sena l-Mara marret lura tgħix pajjiżha, u cioe' il-Filippini;*

5. *Illi għalhekk il-Partijiet għexu mhux flimkien għal perjodu ta' mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti u kienu wkoll legalment separati fid-data li nbdew il-proċeduri ta' divorzju, hekk kif rikjesti skont il-liġi, senjatament l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-ottjeniment tad-divorzju;*

6. *Illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-Partijiet stante li llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

7. *Illi skont il-kuntratt hawn fuq ċitat il-partijiet ma għandhom ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin stante rinunzja reċiproka, u ma hemm ebda kawżi pendenti bejniethom;*

8. *Illi inoltre' lanqas ma hemm manteniment dovut lill-ulied stante li minn dan iż-żwieġ ma twieled l-ebda wild;*

9. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għal-ksib tad-divorzju skont l-**Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta` Malta**;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet, stante li ma għandhomx aktar dokumenti u provi x'jippreżentaw u lanqas għandhom trattazzjoni ulterjuri x'jagħmlu;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bill-ħall taż-żwieg tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KA xehed** (vide affidavit Dok C, fol 14) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-23 ta' Lulju 2010 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Settembru 2022, fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana izda ilhom separati de facto sa mis-sena 2014. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**SL xehdet** (vide affidavit fol 17) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehdet zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun***

***sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Lulju 2010, liema zwieg jgib certifikat numru 1226/2010 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana nhar id-19 ta' Settembru 2022 (vide fol 4a et seqq.), izda il-partijiet ilhom seprati de facto mis-sena 2014 meta SL rreturnat f'pajjizha fil-Filippini. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1226/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**